**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 36/2016*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Rennie Stivala)**

**-vs-**

**Doreen Spiteri, detentriċi tal-Karta tal-Identita` numru 167979M**

**Illum:** 11 t'April, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputata Doreen Spiteri u cioe` talli:

F'dawn il-Gżejjer, f'Ottubru, 2011, u fi żmien li jiġi immedjatament wara, irrendiet lilha nnifisha kompliċi ta' frodi u delitti oħrajn, billi b'xi mod li jkun, xjentement, għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt/i fl-atti li bihom id-delitt/i ikun ġie/ġew ippreparat/i jew ikkunsmat/i, u cioe:

1) B'mezzi kontra l-Liġi jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex ġiegħlet titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ b'qerq ta' aktar minn ħamest elef ewro (€5,000) għad-dannu ta' Victor Muscat;

2) Bi ħsara ta' ħaddieħor, għamlet xi qligħ ieħor b'qerq ta' aktar minn ħamest elef ewro (€5,000);

3) Fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, għamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqot pattijiet, diżpożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien minn obbligi, jew billi daħlet dawn il-pattijiet, diżpożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li ġew iffurmati, inkella billi żiedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4) Fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi xjentement għamlet użu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza.

Rat in-nota tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[1]

1. Fl-Artikoli 17, 18 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 42, 183, 184, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-udjenza tallum, l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hi hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

[1] Fol.757

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-2011, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fl-14 ta' Frar, 2018.

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghha, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni tan-natura serja tar-reati li tinsab akkuzata bihom l-imputata, tal-ammissjoni taghha, tal-fatt li din qed taghmel rifuzjoni lill-parte leza u l-ammont li llum ghadu dovut hu dak ta' €30, 500. Ittiehed konsiderazzjoni tal-fatt li dawn l-akkuzi jirrisalu ghal 2011 fejn ma jistghax jinghad li d-dewmien kien ghal kollox attribwibbli lill-akkuzata, kif ukoll ittiehed kont tal-fedina penali taghha.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 42, 183, 184, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, u tikkundannaha sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erba snin millum.

Inoltre` wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hatja thallas lura lil parte leza s-somma ta' €30,500 fi zmien ghoxrin (20) xahar millum b'pagamenti mensili.

Din  l-ordni ghandha l-istess forza u effett u hija ezegwibbli bl-istess mod daqslikieku inghatat f'kawża ċivili bejn l-imputata u l-parte leza.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza jew jekk tonqos milli taghmel il-hlas kif ordnat.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**